# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 5 ta` April 2022**

Appell numru 420/2017

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Rodney TESTA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' Ottubru 2017 fil-konfront ta' Rodney TESTA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 550879M) li ġie mixli talli fis-17 ta' Awissu 2014 għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija ġewwa Triq Fleur de Lys Birkirkara:

    i. Saq vettura JBD 187 u aktar meta b'nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqa ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involotarjament ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Mario Sant skont kif iċċertifikat minn Dr. Adrian Vella;

    ii. U aktar meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-

persuna ta' Maria Dolores Zammit skont kif iċċertifikat minn Dr. Victoria Rizzo;

iii. U b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma' vettura numru ABW 679 u nvolontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Tumas Gaming LTD;

iv. Kif ukoll naqas li jagħti l-preċedenza lill-vettura oħra li kienet qed tagħmel użu minn roundabout;

v. U aktar talli saq vettura JBD 187 mingħajr dawl fuq il-pjanċa tan-numru ta' reġistrazzjoni ta' wara;

vi. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura numru JBD 187 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

vii. U aktar talli rrifjuta jew naqas milli jagħti skont il-liġi kampjun tan-nifs jew kampjun ta' urina.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 15A u 15E tal-Kapitolu 65, l-Artikoli 328 u l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 35 tal-L.S. 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat TESTA ħati biss tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tas-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u kkundannatu għall-multa ta' erbat elef Ewro kif ukoll s-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt xhur dekorribbli min-nofs il-lejl tal-għada li ngħatat is-sentenza. Il-Qorti ddeċidiet ukoll li tilliberah mill-ewwel u mill-ħames imputazzjonijiet fuq nuqqas ta' provi.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Rodney TESTA appella minn din is-sentenza fejn talab lill-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illiberat lill-appellant mill-ewwel u mill-ħames imputazzjonijiet, tħassar u tirrevoka s-sentenza in kwantu għal dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tas-sitt u tas-seba' imputazzjonijiet u kkundannatu għal multa ta' erbat elef Ewro u s-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għall-perjodu ta' sitt xhur u subordinament, fl-eventwalita' li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija

għall-imsemmija imputazzjonijiet, tnaqqas il-piena nflitta u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

i. Nuqqas ta' apprezzament tajjeb tal-fatti: il-Qorti tal-Maġistrati mgħamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kollha kif jirriżultaw mill-provi prodotti dwar ir-responsabilita' u pjuttost id-dinamika tal-inċident'
ii. Evidenza inkonklussiva: Fir-rigward tas-sitt u s-seba' akkuża, il-Maġistrat applikat il-preżunzjoni tal-liġi dwar ir-rifjut li jsir it-test tan-nifs meta l-appellant ma ġabx prova kuntrarja dwar ir-raġuni 'l għala ma kienx għamel it-test tan-nifs wara l-inċident. Minbarra din il-preżunzjoni, ma nġabet l-ebda evidenza li l-appellant ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi. Fix-xhieda tiegħu l-appellant spjega r-raġuni għalfejn ma kienx ittieħed it-test konklussiv tan-nifs. L-appellant sostna wkoll li l-affidavit ta' WPS 198 Jennyfer Caruana kien inkonklussiv meta din stqarret biss illi 'huwa rrifjuta li jsirhlu l-breathalyser test'.
iii. Test oġġettiv vs. Test suġġettiv: Illi l-prova ewlenija li setgħet bħala stat ta' fatt tikkonferma o meno l-akkużi li huwa kien qiegħed isuq taħt l-effett tal-alkoħol jew id-drogi ma kienx sodisfaċjenti. Ir-riżultat tat-test kien inkonklussiv u ma jindikax jekk l-esponent kienx qabeż jew le il-limiti ta' mikrogrammi ta' alkoħol fin-nifs preskritti mil-liġi. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) straħet fuq l-affidavit ta' uffiċjal wieħed tal-Pulizija li stqarr li xamm riħa ta' xorb fuq l-akkużat – liema fatt fih innifsu ma jikkostitwix reat. Ix-xamma ta' alkoħol fuq persuna huwa element soġġettiv u prova li l-akkużat kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu taħt l-effett tal-alkoħol jew id-droga għandu jkun ippruvat b'testijiet oġġettivi li ma jħallu l-ebda dubju. Dan kif inhu spjegat fil-każ Il-Pulizija vs, Maximilian Camilleri.
iv. Prova tal-każ mingħajr l-iċken dubju: Il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u kull dubju raġonevoli għandu jmur favur l-akkużat. Mir-riżultanzi proċesswali tal-każ in eżami jeżistu dubju ċari dettati mir-raġuni u mill-fatti.
v. Il-Piena: l-appellant talab mitigazzjoni tal-piena. L-appellant isostni wkoll li huwa għandu bżonn il-liċenzja tas-sewqan sabiex ikun jista' jwettaq xogħolu li huwa salesperson. Għaldaqstant, il-liċenzja tas-sewqan ittelliflu l-impjieg tiegħu.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak**

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

---

**sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe **l-Law of Evidence**.

8. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

9. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[3] Jiġifieri huwa legalment korrett u

[3] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta'**

permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

10. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[4]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

11. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

12. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

13. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa

**Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[4] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

14. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[5] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

15. Fil-każ Ingliż **Majid**,[6] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

16. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[7] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

17. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza**

[5] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[6] ibid.
[7] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

18. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

19. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant

anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[8]

20. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

21. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>
> 22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

[8] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

‘Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta’ depożizzjoni ta’ xhud dwar x’qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita’ ta’dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta’ dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).’

23.Ukoll fl-Ingilterra u f’Wales ir-regola tal-hearsay m’għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ‘ Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom’ tal-15 ta’ Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f’pargrafu 130:

‘However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST’s statement in Al-Khawaja’s case and T’s statement in Tahery’s case.’

24. Fil-każ ta’ Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta’ xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista’ jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m’hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ ‘Al-khawaja vs UK’ jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta’ xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta’ laptop. Terġa’ min għamel irrapport ma joqgħodx f’xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta’ xejn aktar.

22. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t’Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

23. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

24. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

26. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

27. Illi nhar is-17 ta' Awwissu, 2014, il-Pulizija tal-Għassa ta' Birkirkara għal ħabta ta' xi d-disgħa ta' filgħaxija daħlilhom rapport li kien għadu kemm seħħ inċident stradali fejn ir-roundabout ta' Fleur de Lys u li kienet weġġħet persuna. WPS 198 mill-Għassa ta' Birkirkara rrikorriet fuq il-post tal-inċident fejn mill-ewwel rat li kien hemm mara identifikata bħala Maria Dolores Zammit mixħuta mal-art u ġiet innutata li kienet qiegħda titlef ħafna demm minn saqajha x-xellugija tant li kellha tittieħed l-isptar Mater Dei. Hija ġiet eżaminatha mit-tabib Chris Giordimaina u ġiet iċċertifikatha bħala li kienet qiegħda ssofri minn ġrieħi ħfief salv kumplikazzjonijiet ulterjuri.

28. Meta Maria Dolores Zammit ġiet mitkelma fuq l-inċident irraportat li kienet passiġġiera fuq in-naħa ta' wara tal-vettura involuta fl-inċident liema vettura kienet vann bin-numru tar-reġistrazzjoni ABW 679 u qalet li kienu ġejjin min-naħa ta' Triq Il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun meta f'daqqa waħda ħarġet mill-vettura. Ġie mitkellem ukoll ix-xufier tal-vettura bin-numru ta'

reġistrazzjoni ABW 679, Marco Sant, u dan stqarr li kien ġej mill-Ħamrun u kien qiegħed idur mar-roundabout b'direzzjoni lejn Fleur de Lys meta f'daqqa waħda ġiet vettura oħra min-naħa tal-Imrieħel u tah daqqa fuq wara tal-vettura tiegħu b'mod tali li l-vettura misjuqa minnu għal naqra ma nqalbitx għaliex ġiet fuq żewġ roti bid-daqqa li kienet qalet u Doris (Maria Dolores) ħarġet mill-ħġieġa tal-vann. Dan żied jgħid li l-vettura li daħlet ġo fih kienet qiegħda tinstaq mingħajr dawl. Dan is-sewwieq ukoll ġie ċċertifikat li kien qiegħed ibgħati minn ġrieħi liema ġrieħi kienu ta' natura ħafifa.

29. Il-Pulizija kelmet ukoll lix-xufier tal-vettura l-oħra li kienet involuta f'dan l-inċident liema persuna ġiet identifikata bħala l-appellant TESTA. Dan qal li kien nieżel mit-triq tar-Rabat b'direzzjoni lejn l-istess roundabout minn fejn kienet qiegħda ddur il-vettura l-oħra misjuqa minn Marco Sant. Qal li l-impatt sar fil-mument li t-tnejn li huma kienu qiegħdin iduru mar-roundabout. Żied jgħid ukoll li Maria Dolores ma kinitx liebsa safety belt fil-mument tal-inċident.

30. Meta TESTA ġie mitkellem, il-Pulizija setgħu jinnutaw riħa qawwija ta' xorb u għalhekk ġie ordnat sabiex imur magħhom l-Għassa ta' Birkirkara għal iktar stħarriġ. Irriżulta li l-Għassa ta' Birkirkara l-apparat li jintuża sabiex jitkejjel in-nifs ma kienx jaħdem. Għalhekk, l-appellant ittieħed l-Għassa l-Ħamrun sabiex jittieħidlu t-test tan-nifs iżda għal darba oħra hawnhekk l-apparat fl-Għassa tal-Ħamrun ma ħadimx. B'hekk l-analiżi tal-livell ta' alkoħol li seta' kellu l-appellant fin-nifs baqa' ma tkejjilx. Il-Pulizija irraportat ukoll li fiż-żewġ istanzi, għalkemm l-appellant ma offriex reżistenza u obda l-ordni tal-Pulizija sabiex imur magħhom u jiġi mitkejjel in-nifs tiegħu, huwa rrifjuta li jsirlu dan it-test.

31. Illi rriżulta wkoll li nhar it-12 ta' Settembru 2014, Maria Dolores Spiteri reġgħet ġiet eżaminata minn Dr. Victoria Rizzo u ġiet iċċertifikata li effettivament ma kinitx sofriet feriti ta' natura ħafifa każwa tal-inċident de quo iżda li kellha feriti ta' natura gravi u potenzjalment dawn setgħu jwasslu għall-kumplikazzjonijiet ulterjuri minħabba l-fatt li l-vittima kienet dijabetika. Jirriżulta li l-vittima mietet fil-mori ta' dawn il-proċeduri, għalkemm ma jirriżultax li mietet b'rabta ma' dan l-inċident.

32. Għaldaqstant, inħarġu l-akkużi relativi fil-konfront tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet mertu tal-ewwel u tar-raba' aggravju tal-appellant.**

33. Illi jirriżulta kif l-appellant u s-sewwieq tal-vettura l-oħra, Marco Sant mhux jaqblu fuq id-dinamika tal-inċident. L-appellant jikkontesta wkoll l-iskizz magħmul mis-Surġent WPS 198 Jennifer Caruana u jgħid kif dan l-iskizz ma jirriflettix dak li effettivament ġara dakinhar tas-17 ta' April 2014. Wara li għarblet il-provi miġjuba nkluż il-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet kemm a tempo vergine skont ma jirriżultaw mill-NPS Report 8/R/2881/2014 kif ukoll dak mistqarr minnhom viva voce fil-proċeduri quddiem din il-Qorti, tqis li l-verżjoni tal-akkadut mogħtija minn Marco Sant għandha aktar mis-sewwa u din il-verżjoni ssib komfort ukoll f'dak li ġie kkonstatat minn WPS 198 Jennifer Caruana meta din marret fil-post tal-inċident **wara** li ġie rraportat l-inċident de quo.

34. Jibda biex jingħad li għalkemm l-appellant jikkontendi li l-inċident seħħ f'mument fejn kemm il-vettura tiegħu kif ukoll dik misjuqa minn Marco Sant kienu diġa' impenjati jduru mar-roundabout, minn analiżi tal-punt fil-vetturi rispettivi fejn dawn ġarrbu l-ħsarat, toħroġ stampa differenti tal-akkadut. Minn folja numru 5 tal-NPS Report fuq imsemmi, jirriżulta li l-vettura ta' Marco Sant ġarrbet ħsarat fuq **in-naħa ta' wara** tagħha u fuq il-bieba tan-naħa tal-lemin. Mill-banda l-oħra l-vettura misjuqa mill-appellant ġarrbet ħsarat **biss** fuq in-naħa ta' quddiem tagħha. Dan il-fatt waħdu wkoll huwa prova ċara ta' kif l-impatt bejn il-vetturi ma sarx f'mument meta **t-tnejn li huma** kienu qiegħdin iduru mar-roundabout. Għall-kuntrarju, il-fatt li l-ħsara ġġarbet fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura tal-appellant jikkombaċja perfettament mal-verżjoni li ta Marco Sant meta dan qal li l-vettura misjuqa mill-appellant baqgħet dieħla b'veloċita' għal ġo fih hekk kif dan kien ġej mid-direzzjoni tal-Imrieħel u hu kien diġa qiegħed bil-vettura tiegħu tħares lejn id-direzzjoni ta' Fleur de Lys. Dan huwa msaħħaħ ċirkostanzjalment mill-ħsarat li ġarrab il-vann fuq in-naħa tal-lemin tiegħu, li jirriflettu l-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Marco Sant meta dan stqarr li mal-impatt il-vann iġġenneb fuq in-naħa tal-lemin:

> ..kif qed indur mar-roundabout nara karozza ġejja gas down mill-Imrieħel bla dawl u ġiet eżatt għal fuqi. Il-vann bid-daqqa tant kienet qawwija li ħarġet mara mill-ħġieġ, il-vann ġie fuq żewġ roti, kien kważi qed jinqaleb għal fuq din in-naħa, u ġie jħares faċċata n-naħa l-oħra tat-triq. Bid-daqqa jiġifieri ġie n-naħa l-oħra tat-triq iħares in-naħa l-oħra tar-roundabout.

35. F'paġna 121 tax-xhieda tiegħu jerġa' b'mod konsistenti jispjega d-dinamika tal-inċident:

> Bid-daqqa ġie fuq żewġ roti fuq in-naħa tiegħi, tax-xufier hekk jiġifieri, baqa' jibbawnsja bid-daqqa fuq iż-żewġ roti u ġie fuq in-naħa l-oħra tat-triq faċċata iħares 'l hemmhekk u dar fuq il-lemin iħares 'l hemmhekk.

36. U d-dinamika tal-inċident tirriżulta wkoll minn provi ċirkostanzjali oħra li lkoll jagħtu indikazzjoni ċara tal-punt tal-impatt bejn iż-żewġ vetturi. Minn ħarsa lejn l-iskizz imħejji minn WPS 198, hemm indikat 'debris' u kwindi t-tifrik li rriżulta kawża tal-ħsarat li ġarrbu l-vetturi rispettivi, fil-punt fejn tibda t-triq li tagħti għal Fleur de Lys u għalhekk fil-punt fejn Marco Sant jgħid li kien wasal bil-vann qabel ma daħlet ġo fih il-vettura misjuqa mill-appellant.

37. Jirriżultaw ukoll xi *skid marks* fl-istess punt fuq fl-imsemmi skizz. Biss meta s-Surġenta li ħejjiet l-iskizz xehdet fis-seduta ta' nhar it-23 ta' Frar 2021, fuq mistoqsija jekk l-i *skid marks* kinux ġew magħmula mill-vann misjuq minn Sant jew mill-vettura misjuqa mill-appellant, hija wieġbet li ma kinitx taf. Din iċ-ċirkostanza għalhekk tibqa' inkonklussiva in kwantu fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija ekwivoka.

38. Jibqa' l-fatt li d-dinamika tal-inċident mogħtija minn Marco Sant f'paġna 118 turi kif il-vettura misjuqa mill-appellant baqgħet dieħla fil-vettura misjuqa minnu, u b'mod li Sant, li kien diġa qed idur mar-roundabout, ma seta' jagħmel xejn biex jevita l-impatt għar-raġuni li:

> Rajtha ġejja gas down pero' ma kelli mkien fejn nista' mmur għax quddiemi kien hemm il-karozzi qed iduru wkoll mar-roundabout. Kien il-Ħadd filgħaxija jiġifieri, u jiena ma kelli mkien fejn nista' mmur. Kif indawwar wiċċi u naraha ġejja, rajtha ġejja bla dawl u eżatti..
>
> .../...
>
> Il-vann kien wieqaf għax kien hemm il-karozzi quddiemi.

39. L-appellant jilmenta li l-iskizz imħejji minn WPS 198 mhux attendibbli in kwantu dan ma kienx skalat u juri biss il-pożizzjoni finali tal-vetturi. Huwa minnu li dan l-iskizz huwa rappreżentazzjoni mill-iżjed bażika tal-locus tal-inċident hekk kif sabitu s-Surġent 198. Peress li dawn l-iskizzi bosta drabi jkunu intiżi li jirrapreżentaw ix-xena tal-inċident b'mod viżiv, wieħed forsi kien jistenna ftit iżjed kjarezza dwar il-metodoloġija użata mis-Surġent 198 meta hija ħejjiet l-istess skizz nonche preċiżjoni fl-iskala użata. Iżda minkejja dan, ma jfissirx li l-istess skizz ma jaqdix l-iskop bażiku tiegħu – iġifieri li jimmortalizza x-xena tal-inċident. Dan l-iskizz fil-fatt juri essenzjalment il-posizzjoni tal-vetturi wara l-inċident nonche l-post fejn kienet tinsab il-passiġġiera li nbeżqet mit-tieqa tal-vann mal-impatt.

40. Minbarra dan, l-istess skizz isaħħaħ il-verżjoni mogħtija minn Marco Sant meta f'paġna 125, fuq domanda ta' din il-Qorti, jikkonferma wkoll li l-iskizz imħejji min WPS 198 jirrifletti bi preċiżjoni l-mument ta' wara l-kolliżjoni:

> Qorti: Issa meta inti qed tara dak l-isketch, hemmhekk qed tara xi affarijiet li huma differenti minn dak li inti tiftakar illi kont rajt u esperjenzajt fuq il-post? Iva jew le.
>
> Xhud: Le ta, għax hawnhekk minn fejn kien ġej u hawnhekk fejn spiċċat il-karozza Mercedes. Kif għidtlek l-ewwel, fit-triq qisek nieżel għal Ħal Qormi. U hawnhekk fejn spiċċa l-vann.

41. U għalkemm l-appellant jilmenta li l-iskizz ma fihx indikazzjonijiet ta' distanzi, meta s-Surġent xehdet hija spjegat kif sar il-kejl tad-distanzi:

> Xhud: Jekk tkejjel l-iskid marks kull one centimeter jiġi one meter bejn wieħed u ieħor.
> Qorti: One centimeter is to one meter.

42. F'dan il-każ ma jirriżultax li saret inkjesta maġisterjali u allura x-xena tal-inċident ma ġietx priżervata b'mod u b'kejl iżjed tekniku u professjonali. Biss pero', fis-sempliċita tiegħu dan l-iskizz jirriżulta li ġie mħejji mis-Surġent 198 u kien jissodisfa l-kriterji bażiċi ta' prova ammissibbli u valida ta' rappreżentazzjoni miktuba u diżenjata bl-idejn ta' dak li ġie kkonstat bis-sensi tal-istess Surġent 198 fuq il-post. Ma jirriżultax li kien hemm xi żbalji grossolani jew diskrepanza enormi bejn dak rappreżentat mis-Surġent 198 għal dak li xehdu x-xiehda f'dan il-każ. Id-diskrepanzi reklamati mill-appellant ma

humiex ta' serjeta u gravita tali li janjentaw il-valur probatorju ta' dan l-iskizz.

43. U din l-evidenza ċirkostanzjali taqbel ukoll ma dak li xehed l-appellant kif ukoll ma dak li xehed Marco Sant dwar id-dinamika tal-inċident. Fil-fatt l-appellant f'diversi partijiet tax-xiehda tiegħu jgħid li huwa lil vettura misjuqa minn Marco Sant ma rahiex iddur mar-roundabout qabel l-inċident u ra biss mal-ħabta.[9] Fil-fatt fuq l-iskizz a fol 33 ma jirriżultawx brake marks mal-art fit-triq li fiha kien qiegħed isuq l-appellant. Anzi dan huwa msaħħaħ bix-xiehda tiegħu meta jtenni li hu qatt ma ra lil vann misjuq minn Marco Sant għajr mal-mument tal-kolliżjoni.

44. Biss hawnhekk l-appellant diġa qed jagħmel ammissjoni ta' fatt verament importanti. Persuna li tkun qed issuq fit-triq u riesqa lejn roundabout għandha d-dmir li tassigura sa minn qabel ma tkun qed tintraprendi l-manuvra tal-qsim tat-triq biex taqbad ir-roundabout, mhux biss li tnaqqas il-veloċita għal waħda b'kemm timxi daqskemm li tivverifika sewwa sew li ma jkunux ġejjin vetturi li jkunu qegħdin diġa jduru mar-roundabout. F'dan il-każ il-vettura misjuqa minn Marco Sant kienet tikkonsisti f'vettura ta' daqs kbir – vann *eight seater* tal-marka Peugoet. Għalkemm setgħa kien dieħel id-dlam, f'dik il-parti tat-triq mhix mudlama in kwantu hemm dwal pubbliċi. Apparti minn hekk dan l-obbligu ta' attenzjoni, prudenza u diliġenza kien akbar fuq l-appellant meta huwa setgħa jintebaħ li kienu qed isiru xi xogħolijiet ta' kostruzzjoni madwar dik ir-roundabout partikolari fiż-żmien meta seħħ dan l-inċident.

45. L-appellant ex admissis jgħid li ma rax lil vettura misjuqa minn Marco Sant u jżid, f'paġna 49 li "if I had to recall ovvjament naqqast l-speed tal-vettura tiegħi...Pero' ma niftakarx in-numru eżatt. Imma ma kontx għaddej b'xi speed". L-appellant jgħid li kien qiegħed isuq b'kawtela tant li hu u riesaq lejn il-parti tat-triq fejn hemm il-'give way', jiġifieri ftit qabel ir-roundabout, beda jnaqqas il-veloċita' tal-vettura tiegħu:

> Il-Prosekuzzjoni: Jiġifieri sal-mument, sekonda qabel ma saret il-ħabta għamilt miżuri ta' brake inti?
> Xhud: Jekk kont qed innaqqas minn qabel. Għidtlek ridt kemm xejn, It-triq hemmhekk ma tibqax sejra.

[9] Ara x-xiehda ta' l-appellant a fol 44 u 48 b'mod partikolari.

46. Din il-Qorti, bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha tistaqsi, kemm hu minnu li l-appellant kien qiegħed isuq b'veloċita' imnaqqsa jekk:

i. Mal-impatt, il-vann Peugeot b'kapjenza ta' 'eight seater', fi kliem Marco Sant ġie fuq żewġ roti u għal naqra ma nqalibx;
ii. Bid-daqqa li qala' l-vann, fi kliem Marco Sant 'baqa' jibbawnsja' u mid-direzzjoni jħares lejn it-triq li tagħti għal Fleur De Lys ġie mdawwar b'mod tali li ġie jħares bi dritt lejn it-triq li tieħdok għal Ħal Qormi fejn hemm il-fergħa tal-Bank of Valletta u dan kif jirriżulta wkoll mill-iskizz imħejji mis-Surġenta WPS 198;
iii. Il-vettura misjuqa mill-appellant minn direzzjoni tħares lejn Triq il-Kbira l-Ħamrun, baqgħet sejra lejn it-triq li tieħdok għal Ħal Qormi;
iv. Maria Dolores Zammit inbeżqet mit-tieqa tal-lemin tal-vann misjuq minn Marco Sant u sofriet offiżi ta' ċertu importanza hekk kif ġiet iċċertifikata li kellha feriti li jikkwalifikaw bħala ta' natura permanenti. Din il-mara ġiet deskritta minn Marco Sant, li kien ilu jafha, bħala mara ta' korporatura "qawwija" u għalhekk ċertament kien jirrikjedi forza qawwija sabiex din effettivament tgħaddi minn ħġieġa ta' vann u tispiċċa timbeżaq fit-triq.

47. Dawn ir-riżultanzi fattwali igidbu l-istqarrija tal-appellant li huwa b'xi mod naqqas il-veloċita tiegħu qabel l-impatt; huwa ma jistax jgħid kemm li huwa waqaf jew li naqqas il-veloċita b'mod tali li setgħa jew jevita dan l-impatt, jew li almenu ma jikkawżax dawk id-danni li rreka. Il-fatt li ma jirriżultax fuq it-triq li huwa użax il-breaks diġa juri li ma mexiex bil-prudenza u d-diliġenza meħtieġa minnu f'dik il-parti tat-triq. Li kieku tassew kien għaddej b'veloċita regolamentari għal dik il-parti tat-triq, huwa setgħa kien f'qagħda jevita dan l-inċident.

48. Hawnhekk il-Qorti torbot ma' ċirkostanza oħra ta' fatt li jsemmi l-appellant stess meta jgħid ex admissis diversi drabi fix-xhieda tiegħu li l-vann misjuq minn Marco Sant huwa ma rahx ġej. U f'dan l-isfond, din il-Qorti temmen li l-appellant ma rax il-vann mhux għax kien hemm xi ostakoli għall-viżwali tiegħu dovuta għal xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-triq iżda għaliex huwa kien għaddej b'veloċita qawwija għal dik il-parti tat-triq. Għalhekk anke jekk il-veloċita li biha kien qiegħed isuq l-appellant ma ġietx stabbilita b'mod xjentifiku, l-evidenza ċirkostanzjali f'dan il-każ turi li din kienet kompatibbli ma veloċita xejn anqas minn eċċessiva. Kif ukoll li l-inċident kien kawżat minħabba n-negliġenza tal-imputat appellant u mhux minn xi kawża oħra.

49. Issa t-tieni imputazzjoni hija msejsa fuq l-Artikoli 225 u 226 tal-Kodiċi Kriminali, li jaqraw bis-segwenti mod:

> (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta'tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minnerba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta uerbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).
>
> (2) Meta min ikkommetta r-reat ikun kkaġuna l-mewt ta' iżjedminn persuna waħda jew meta flimkien mal-mewt ta' persuna jkunikkaġuna ukoll offiża fuq il-persuna ta' xi persuna jew persuni oħral-piena għandha tkun dik ta' priġunerija sa għaxar snin.
>
> 226.(1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel : -
> a) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzimsemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerijagħal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhuxiżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin eurou ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75);
> (b) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzimsemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhuxiżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro usebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);
> (ċ) jekk l-offiża tkun ħafifa, il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.
> (2) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(ċ), il-proċediment jista' jittieħed biss fuq kwerela tal-parti offiża

50. Biex jirriżulta delitt ta' natura involontarja jeħtieġ li jirrikorru l-elementi enunċjati fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Louis Portelli** deċiża nhar l-4 ta' Frar, 1961:

> li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi filkaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.

51. L-istess intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Richard Grech** deċiża nhar il-21 ta' Marzu, 1996:

Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.

"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).

Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, lartikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja talhajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'. ….

Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta.

52. Illi mbagħad fil-kawża **Il-Pulizija vs. Saverina sive Rini Borg** deċiża nhar il-31 ta' Lulju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali rrilevat is-segwenti:

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attivita' dirett ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. ..

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili: L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cioe, kif jghid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."

Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta'regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta' hsara u dannu lil terzi, cioe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, ....

Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta'osservanza talligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa essenzjali taht kull forma ta'kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa dejjem il-nota saljenti f'kull forma ta' kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta'imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta'reati minhabba non osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistghax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba in-nuqqas ta'osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz,

mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta'attenzjoni jew prudenza fi grad ta'persuna normali.

Hu risaput li dan l-element tal-prevedibilita, fil-kaz tal-kolpuz fil-kamp penali hu, kif jesprimi ruhu l-Archbold “a reckless disregard for the safety of others’ u hu propju dan li jgib in-negligenza kriminali.

53. Għal dak li jirrigwarda l-kunċett ta’ ‘proper lookout’ meħtieġ minn kull sewwieq prudenti u diliġenti, din il-Qorti tagħmel pjena referenza għall-kawża **Il-Pulizija vs. Dorianne Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Frar 2018:

“Ibda biex ......, “driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."(App. Krim. "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li:- "Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak iddriver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u talkonsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ." (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din lemergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car 5 iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghallgharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "IlPulizija vs. Cassar Desain" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)”

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk issitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta’ pedestrian. Il-Qorti kompliet: “Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet
a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;

b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;
c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente." …..

ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'l-hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta: "In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:
1. la volontarieta dell'atto;
2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u
3. la possibilita di prevedere. Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide IlPulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)"

Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere." Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. 6 Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".

L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta ilkolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli talkomportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx: "Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."

Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'lAntolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma

> taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi: 1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta; 2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola; 3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola; 4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.
>
> Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha talimgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa."

54. Issa, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ġurisprudenzjali għall-fattispecie tal-kawża, din il-Qorti tqis li l-appellant ċertament ma jistax jingħad li aġixxa b'mod diliġenti meta baqa' għaddej minn fuq 'give way' u ma kkalkulax jekk kienx hemm vetturi oħra qiegħdin iduru mar-roundabout fil-mument illi huwa kien qiegħed jimmanuvra l-vettura tiegħu. L-argument tiegħu li kellu l-viżwal tiegħu ostakolat minn xogħlijiet stradali huwa inkonsegwenzjali in kwantu jekk dan kien veru, iktar u iktar kien imissu kien kawt u prudenti huwa u jersaq qrib ir-roundabout sabiex jżomm dik il-*proper lookout* konsistenti fil-valutazzjoni ta' jekk kinux ġejjin vetturi oħra u jekk kellux allura jċedi sabiex l-ewwel jgħaddu dawk il-vetturi li bħal dik misjuqa minn Marco Sant, ikunu diġa laħqu daħlu sew fir-roundabout tant li jkunu qegħdin iduru magħha bħal ma ġara f'dan il-każ meta jirriżulta li l-vann misjuq minn Marco Sant kien diġa qiegħed jipponta b'wiċċu lejn it-triq li tgħati għal Fleur de Lys fil-mument li ntlaqat mill-vettura misjuqa mill-appellant. Kif intqal iżjed il-fuq dan il-fatt hu msaħħaħ mhux dastant bil-pożizzjoni stazjonarja tal-vetturi de quo daqskemm mill-posizzjoni fejn il-vetturi rispettivi subew ħsarat nonche l-entita tal-ħsarat infushom. Inoltre, l-fatt li l-inċident seħħ bil-lejl, meta allura l-viżwali ssir iżjed ristretta, jimponi obbligu ikbar fuq sewwieq bħal ma kien l-appellant f'dik il-parti tat-triq li jżomm *proper lookout*.

55. U l-konduzjoni tal-appellant hija kolpuża wkoll in kwantu huwa kien konfrontat b'fatt li kien prevedibbli ossija li seta' kien hemm vetturi oħra li qiegħdin iduru mar-roundabout fil-mument li huwa ħa d-deċiżjoni li jibqa' għaddej dritt mingħajr kunsiderazzjoni kwindi għal xejn u għal ħadd. L-inċident kien prevedibbli minn sewwieq prudenti u diliġenti anke peress li din il-prevvedibilita' ma kinitx tirrikjedi xi sagaċja straordinarja, u dan peress li persuna ordinarja kienet tasal, u anzi kien mistenni minnha li, tipprevedi tali

konsegwenza li tikkawża inċident stradali f'każ li tiddeċiedi li tibqa' għaddejja dritt f'punt tat-triq fejn seħħet il-kolliżjoni.

56. Anki l-veloċita' eċċessiva li kien għaddej biha l-appellant, li miċ-ċirkostanzjoni riżultanti tirriżulta wkoll ċara, hija indikattiva ta' dik it-traskuraġni li Archbold jiddefinixxi bħala '*a reckless disregard for the safety of others*' hekk kif sewwieq prudenti kien jikkontempla li jnaqqas sew mill-veloċita' hu u riesaq lejn roundabout.

57. L-appellant jilmenta wkoll li l-vittma Maria Dolores Zammit ma kinitx liebsa seat belt in kwantu ma rraportatx tip ta' feriti kompatibbli ma' dawk li jkollhom min jissubixxi trawma f'inċident stradali fil-post fejn ikun qiegħed jagħfas iċ-ċintorin. Din il-Qorti mgħandhiex prova ta' jekk effettivament Maria Dolores Zammit kinitx liebsa seat belt jew le fil-mument tal-inċident, u ma tistax tikkonkludi kemm dan il-fattur seta' jinċidi fuq id-dinamika tal-inċident u d-danni sofferti minnha. Naturalment ir-riżultanzi huma li huma u ċ-ċirkostanzi f'dan il-każ jindikaw li ma kinitx. Biss, din il-Qorti tqis li huwa paċifiku li kwalsiasi negliġenza ta' natura kontributorja da parte tal-vittima ma teżonerax lill-appellant mill-ħtija iżda tista' sservi biss bħala attenwanti fil-piena.

58. Illi l-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali jqis bħala kolpuż anki l-mankanza ta' osservanza tar-regolamenti. Issa, fil-mankanza ta' definizzjoni ta' x'tifhem il-Liġi b' 'regolamenti', din il-Qorti tqis li dawn jistgħu wkoll ikunu tax-xorta li jirregolaw is-sewqan u lis-sewwieqa fit-triq. Hawnhekk, il-Prosekuzzjoni imputat lill-appellant anki bir-reat ikkontemplat fir-regolament numru 82 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 liema dispożizzjoni tal-Liġi timponi l-obbligu fuq is-sewwieqa li jagħtu preċedenza lil dawk is-sewwieqa li jkunu diġa qegħdin iduru mar-roundabout. Din il-Qorti tirrileva li kif diġa ġie stabbillit iktar 'il fuq, m'għandhiex dubju li l-vettura misjuqa minn Marco Sant kienet diġa qiegħda ddur mar-roundabout meta daħal fuqha l-appellant. Ikun għalhekk isegwi illi l-appellant kiser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 225 u 226 tal-Kodiċi Kriminali anki minħabba n-nuqqas tiegħu li jsegwi r-regolamenti tas-sewqan hekk kif prevvist fir-Regolament numru 82(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11.

59. Illi magħdud dan kollu, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

**Ikkunsidrat**

60. It-tielet imputazzjoni hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali li bħall-Artikoli 225 u 226 imsemmija iktar 'il fuq, ukoll jaqgħu fir-realm tal-kolpuż. Għaldaqstant, a skans ta' ripetizzjoni, f'dan l-istadju din il-Qorti terġa' tagħmel referenza għall-insenjamenti ġurisprudenzjali esposti iktar 'il fuq f'din is-sentenza. Sabiex jiġi integrat ir-reat ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali kwindi jeħtieġ li jiġi stabbilt kondotta involontarja neġliġenti da parte tal-appellant TESTA li kkawżat ħsara fil-proprjeta' ta' terzi persuni.

61. Issa diġa ntqal iktar 'il fuq kif din il-Qorti bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha temmen li l-kondotta tal-appellant kienet waħda imprudenti, traskurata u negliġenti u s-sinistru stradali kien ikkawżat minħabba dan il-komportament tal-appellant. Fir-rigward tal-ħsara subita xehed ukoll Jesmond Galea in rappreżentanza ta' Tumas Gaming bħala proprjetarja tal-vann misjuq minn Marco Sant fejn f'paġna 130 tax-xhieda tiegħu kkwantifika l-ħsara subita bħala madwar tnax -il elf Ewro.

62. Għal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx raġuni għalfejn għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fir-rigward tas-sejbien tal-ħtija fl-appellant għal din it-tielet imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

63. In kwantu għar-raba' imputazzjoni, din l-imputazzjoni hija bbażata fuq il-ksur ta' dawk ir-regolamenti tas-sewqan li jeħtieġ li jsegwi kull sewwieq ta' vettura bil-mutur fit-triq u preċiżament fuq ir-regolament numru 82 sub-inċiż numru 2 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, LS. 65.11:

> Vetturi li joqorbu lejn roundabout tat-traffiku għandhom iħallu jgħaddu lil dawk il-vetturi li jkunu diġà qegħdin iduru ma' dak ir-roundabout.

64. Dak li kien rikjest mill-appellant f'dan ix-xenarju huwa li bħala sewwieq prudenti u diliġenti, kif jasal f'dik il-punt ta' Triq l-Imdina fejn jeħtieġ li jieqaf, jew tal-inqas ibaxxi mill-veloċita' li jkun ġej biha, jara jekk ikunux ġejjin vetturi mar-roundabout u jekk dawn il-vetturi jkunu diġa' qegħdin iduru, huwa jrid iċedi sabiex l-ewwel jgħaddu huma u

mbagħad jgħaddi hu. Hekk kif intqal iktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti m'għandhiex dubju li l-inċident seħħ kif xehed Marco Sant u ċjoe' li hu kien diġa qiegħed idur mar-roundabout b'direzzjoni għal Fleur de Lys meta ħabat fih l-appellant bil-vettura tiegħu. L-appellant kjarament naqas milli jagħti preċedenza lil dik il-vettura li kienet qiegħda tinstaq minn Marco Sant u kien f'dan il-mument li seħħ l-inċident mertu tal-proċeduri in diżamina.

65. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet kemm legalment kif ukoll raġonevolment tasal għad-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija f'dan ir-rigward.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tas-sitt u seba' imputazzjonijiet mertu tat-tieni u tat-tielet aggravju tal-appellant.**

66. Illi r-raba' imputazzjoni hija dik ta' sewqan ta' vettura bil-mutur meta s-sewwieq ma jkunx f'kundizzjoni illi jsuq minħabba xorb jew drogi. Din l-imputazzjoni hija bbażata kwindi fuq ir-reat ipotizzat fl-Artikolu 15A tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta liema dispożizzjoni taqra bis-segwenti mod:

> (1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jewikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.
>
> (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.

67. Minnufih jiġi rrilevat li għalkemm din id-dispożizzjoni tal-Liġi tagħmel referenza għall-sewqan taħt l-effett tax-xorb (jew drogi), hawnhekk il-Leġislatur ma rabatx is-sejbien ta' ħtija esklussivament mal-fatt ippruvat li s-sewwieq ikun inqabad isuq b'kwantita' ta' alkoħol fin-nifs xjentifikament imkejla li tkun qabżet il-limiti preskritti mil-Liġi. Dak huwa r-reat li jipotizza l-Artikolu 15B tal-Kapitolu 65 u mhux ukoll l-Artikolu 15A tal-istess. U r-raġuni wara din id-distinzjoni hija tali li tippermetti allura sejbien ta' ħtija taħt l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta anki f'xenarju fejn miċ-**<u>ċirkostanzi</u>** ikun jista' jiġi indubbjament deżunt li s-sewwieq ikun qiegħed

jimmanuvra l-vettura tiegħu meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba l-konsum ta' xorb alkoliku jew drogi. Bħala ċirkostanzi jista' jkun hemm xenarju ta' sewqan spavald jew nieqes għal kollox minn dik il-prudenza rikjesta minn persuna ta' sagaċja ordinarja fl-istess sitwazzjoni, jew inkella jkun hemm ukoll inċident li minn valutazzjoni tad-dinamika u minn ġbir ta' provi jkun jirriżulta li jkun ġie kkawżat mill-ġudikabbli u addirittura jkun ġie rraportat mill-Pulizija li jkun investiga l-inċident u/jew anki minn xi xhieda okulari, li l-ġudikabbli deher miexi imxengel jew inħass li kellu riħa ta' xorb ħierġa minn nifsejh.

68. Illi b'rabta mas-suespost, din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża **Il-Pulizija vs. Claude Pisani** deċiża min din l-istess Qorti hekk kif preseduta fis-26 ta' Novembru 2020:

> Fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marlon Montebello**, din il-Qorti diversament preseduta kienet ikkonsidrat is-segwenti :
>
> Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Pace**, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa" minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C. Kwantu ghall-hekk imsejjha "caution", din it-twissija (cioe` t-twissija li nnuqqas jew rifjut li wiehed jaghti kampjun tan-nifs hu reat) hi mehtiega biss sabiex il-pulizija tkun tista' tarresta lil minn hekk jonqos milli jaghti ilkampjun ghat-test tan-nifs (mhux ghall-analizi), u dan skond l-Artikolu 15D(b); ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) ebda twissija ma hi mehtiega (ara Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri, App. Krim., 30di ta' April, 1999, u Il-Pulizija v. Anthony Cutajar, App. Krim., 2 ta' Settembru, 1999).
>
> 68.Dan ifisser li għall-fini ta' integrazzjoni tar-reat taħt l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tista' tieħu in konsiderazzjoni provi oħra apparti mir-riżultat o meno tal-analiżi magħmula skont l-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistgħu jinkludu l-komportament u l-kundizzjoni fiżika tas-sewwieq. Dan huwa wkoll rilevanti għall-fini tal-ewwel imputazzjoni f'dan il-każ u ċjoe dik li l-appellant kien saq il-vettura bil-mutur de quo bi traskuraġni.

69. Dan ikun ifisser li l-appellant ma kienx korrett fil-lament tiegħu li l-unika prova li setgħet tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa kien qiegħed isuq vettura taħt l-effett tax-xorb kien ir-riżultat ta' test tan-nifs. Lanqas ma hu korrett meta jsostni li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issib ħtija sempliċement fuq il-

kostatazzjoni ta' WPS 198 Jennifer Caruana li lill-appellant xammitlu riħa ta' xorb ħierġa minn ħalqu. Del resto anke l-istess Marco Sant f'paġna 119 jixhed li anke hu innota li l-appellant kellu riħa ta' xorb qawwija u beda jgħidlu kliem li l-anqas beda jagħmel sens.

70. L-appellant ex admissis jgħid li l-vann misjuq mill-appellant ma raħx kif ukoll li huwa ma waqafx f'tarf it-triq qabel ma beda dieħel fuq ir-roundabout. U dawn il-fatti, magħduda mal-osservazzjoni tal-Uffiċjal tal-Pulizija ta' riħa qawwija ta' xorb ħierġa min-nifsejn l-appellant, nonche l-istess konstatazzjoni magħmula minn Marco Sant jagħtu l-kredibilita' rikjesta lit-teżi tal-Prosekuzzjoni li effettivament l-inċident ġie kkawżwat mill-appellant minħabba l-fatt li kien qiegħed isuq f'mument fejn il-kapaċita tiegħu li jsuq kienet imnaqqsa minħabba l-konsum ta' xorb alkoliku. F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għall-każwa **Il-Pulizija vs. Ramon Fenech** deċiża nhar is-26 ta' Marzu 2015 fejn intqal:

> Veru illi baqa' diehel fuq il-karozza ta' quddiemu imma dan seta' kien sforz ta' traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-appellat, izda mhux minhabba xorb jew drogi. Persuna jista' jkollha rieha ta' xorb però b'daqshekk ma jfissirx illi ma kinitx f'kondizzjoni li ssuq. **Biex tasal ghal dik il-konkluzjoni dan irid ikun abbinat ma' xi haga ohra bhal sewqan erratiku jew inkella rizultat ta' breathalyzer test mehud skont il-ligi.**[10] Ghalhekk hawn ukoll il-Qorti ssib illi ma tistax issib htija ghal dak li jirrigwarda t-tieni akkuza.

71. F'dan ir-rigward irid jingħad ukoll li l-Leġislatur f'dan it-tieni subinċiż tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 joħloq preżunzjoni *juris tantum* tal-inkapaċita' tas-sewwieq li jsuq vettura f'dak il-mument partikolari meta huwa jkun inqabad fil-kontroll ta' din il-vettura. Dan ikun ifisser li filwaqt li l-oneru tal-prova jibqa' fuq il-Prosekuzzjoni sabiex tipprova li l-ġudikabbli kien qiegħed f'kundizzjoni tali minħabba l-konsum ta' alkoħol (jew droga) - prova li diġa ngħad ma jfissirx li trid tikkonsisti unikament fis-somministrazzjoni tat-test skont id-dettami tal-Artikolu 15E tal-imsemmi kapitolu - ġjaladarba din il-prova tkun saret a sodisfazzjon tal-Qorti, l-appellant jista' imbagħad iressaq dawk il-provi li jidhrilu biex jirribatti dan il-fatt.

72. U din il-Qorti, bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha, hawnhekk għandha xenarju fejn mhux biss WPS 198 xammet riħa ta' xorb ħierġa minn ħalq l-appellant iżda wkoll is-sewwieq l-ieħor Marco Sant, iżda wkoll mid-dinamika tal-inċident stess toħroġ

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.

stampa ċara tal-appellant li kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu b'veloċita eċċessiva, fejn huwa baqa' għaddej minn fuq 'give way' bl-istess veloċita' li kien għaddej biha tant li ex admissis lanqas biss ra' l-vann li kien diġa dar sew mar-roundabout u ħabat fih. Ċertament li sewwieq prudenti li ma jkunx alterat minħabba xorb jew droga kien mhux biss inaqqas il-veloċita' li kien għaddej biha f'dik il-parti tat-triq talli kien jinduna b'vann ta' daqs kbir li, mid-dinamika tal-inċident riflessa anke mill-post fejn il-vetturi ssubew il-ħsarat tagħham, jirriżulta li kien diġa' f'pożizzjoni mar-roundabout li allura kellu jkun viżibbli għal min kien ġej mid-direzzjoni tal-Imrieħel. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-appelli kriminali **Il-Pulizija vs. Brenda Agius** deċiża nhar il-15 ta' Mejju 2008 u **Il-Pulizija vs. Martin Zammit** deċiża nhar it-13 ta' Frar 2013.

73. Għaldaqstant hawnhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha provi oġġettivi li jindikaw kif l-appellant kien qiegħed isuq taħt l-effett tax-xorb u setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-reat ipotizzat fl-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, mertu tas-sitt imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

**Ikkunsidrat**

74. Illi s-seba' imputazzjoni hija dik ibbażata fuq il-ksur tal-Artikolu 15E subinċiż 4 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu r-rifjut li jingħata kampjun tan-nifs ai termini tal-Artikolu 15E(1) tal-istess jammonta għar-reat. Qabel xejn din il-Qorti tispeċifika li meta l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem fuq kampjun tan-nifs hawnhekk il-Leġislatur jirrikjedi li dan il-kampjun jittieħed bl-istrument imsemmi fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 65 li huwa l-Alcovisor Professional Breath Alcohol Analyser mudell Jupiter jew kwalunkwe mudell ieħor li kapaċi jaqdi bi preċiżjoni dik l-istess funzjoni. Issa, mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant ittieħed f'żewġ Għases differenti sabiex jittieħidlu dan il-kampjun permezz tal-Alcovisor u ċjoe' l-ewwel fl-Għassa ta' Birkirkara u sussegwentement fl-Għassa tal-Ħamrun. Biss, skont ma jirriżulta mix-xhieda ta' WPS 198, dan il-kampjun tan-nifs qatt ma ttieħed għaliex fiż-żewġ istanzi l-appart li kellhom disponibbli l-Pulizija ma ħadimx. Qalet ukoll li minkejja li TESTA qatt ma offra reżistenza sabiex imur mal-Pulizija fid-diversi għasses sabiex jittieħidlu dan il-kampjun, huwa **<u>rrifjuta</u>** illi jittieħidlu l-istess:

Dif: Ma kienx qed jirrifjuta mela, mhux hekk?

> Xhud: **Le le kien qed jirrifjuta li jagħmel it-test.**[11] Jien fl-ebda ħin ma għidt illi jien kull darba li għidtlu ejja miegħi, anzi għidtlek.

75. Din il-Qorti tagħmilha ċara li m'għandhiex għalfejn tiddubita x-xhieda ta' WPS 198 u kemm -il darba hija tixhed kif l-appellant irrifjuta li jagħti l-kampjun tan-nifs, hija qiegħda titwemmen. Il-fatt li l-apparat li jkejjel in-nifs imbagħad ma ħadmilhomx dak huwa argument ieħor ta' ftit rilevanza għall-kwistjoni ta' rifjut ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan is-sens f'paġna 113 tax-xhieda tagħha WPS 198 ukoll kienet koerenti u xehdet fid-dettall ta' x'jiġri bħala prassi meta s-sewwieq jirrifjuta li jagħti kampjun tan-nifs b'differenza għal meta dan jikkopera u jagħti dan il-kampjun:

> Difiża: Issa jekk allura persuna rrifjuta l-Ħamrun skont inti, irrifjuta Birkirkara u skont inti rrifjuta l-Ħamrun, x'inhu allura l-iskop li tipprova tieħdu fit-tielet għassa jekk dan irrifjuta?
>
> Xhud: Għaliex il-proċedura proprja suppost il-magna trid tibda taħdem xorta biex joħroġ it-ticket. Jiġifieri tirrifjuta u ma tirrifjutax il-proċess suppost, jekk il-breathalyser jaħdem sew, trid tagħmlu. Umbagħad fl-aħħar jgħidlek trid tagħmlu l-breathalyser? Tgħidlu yes or no? Issa jekk tgħidlu yes umbagħad jibda jonfoħ, jekk tgħidlu no jieqaf hemm u joħroġ it-ticket.

76. L-appellant min-naħa tiegħu jsostni li huwa qatt ma rrifjuta li jagħti kampjun tan-nifs għaliex li kieku ma kienx isegwi lill-Pulizija fi tlett Għases differenti għal tali skop. Biss, din il-Qorti kif diġa stqarret tagħżel illi tagħti iktar piż lix-xhieda ta' WPS 198 u anki għaliex hija stess semmiet kif l-appellant fl-ebda ħin ma offra reżistenza sabiex imur magħhom fid-diversi għasses pero' iddistingwiet bejn dan il-fatt u l-fatt li huwa kull darba rrifjuta li jiġi somministrat lilu t-test tan-nifs. Lanqas ma jirriżulta li l-appellant ġab prova li huwa rrifjuta li jagħti dan il-kampjun tan-nifs għal raġunijiet ta' saħħa in linja mal-proviso li jsegwi l-Artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

77. Magħdud dan kollu, din il-Qorti ma tistax ma tosservax kif n-nuqqas li wieħed jagħti l-kampjun tan-nifs ai termini tal-Artikolu 15E(1) tal-Kapitolu 65 iġorr konsegwenzi ta' natura serja u għaldaqstant bħala persuna li sa minn meta jiġi deċiż li jittieħidlu kampjun tan-nifs huwa kkunsidrat bħala 'suspettat' ta' reat taħt l-Artikoli 15A u/jew 15B tal-Kapitolu 65, il-ġudikabbli għandu jgawdi mid-drittijiet kollha tiegħu. Din il-Qorti tqis li mhux biżżejjed li jingħad kif il-bniedem ġie mogħti l-'caution' għaliex skont ġurisprudenza

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.

reċenti l-appellant għandu jkollu wkoll dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma jiddeċiedi jekk jissottoponix ruħu jew le għall-test li permezz tiegħu jittiħidlu l-kampjun tan-nifs. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża **Pisani** msemmija iktar 'il fuq fejn ingħad is-segwenti:

> Issa l-mument li l-Aġent tal-Pulizija jwaqqaf lis-sewwieq, jiġih issuspett raġjonevoli li dan jista' jkun li kkommetta r-reati taħt lartikoli 15A jew 15B(1) tal-Ordinanza u jeżiġi mis-sewwieq li dan joqgħod għat-test tan-nifs, din l-ordni leġittima fiha nnifisha hija manifestazzjoni tas-suspett raġjonevoli li dan l-Aġent tal-Pulizija jkun ifforma fis-sewwieq. In kwantu tali għalhekk f'dak il-mument is-sewwieq ikun akkwista l-istatus legali ta' suspettat u għandu jgawdi mhux biss mid-dritt li jiġi mwissi bit-tifsira tat-test tan-nifs u l-konsegwenzi tar-riżultat ta' dan it-test u d-drittijiet naxxenti mill-Ordinanza u r-Regolamenti, nonche l-konsegwenzi tar-rifjut li huwa jagħmel dan it-test, **iżda għandu wkoll jgawdi mid-drittijiet ta' persuna suspettata skont l-artikolu 534A tal-Kodiċi Kriminali**.[12]

78. Hekk ukoll intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Grech** deċiża nhar it-28 ta' Ġunju 2017:

> Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata car u tond. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l-htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha. Filfatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija (ara Alexander Zaichenko vs Russia – 18/02/2010): "The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."
>
> Dan ifisser allura illi mill-mument ta' l-arrest ta' l-appellat meta ittiehed mill-post tal-incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti ljedd jikkonsulta ma' l-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat-test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel, iktar u iktar meta kollox kien qed jindika illi l-appellat ma kienx qed jifhem dak li kien

[12] Enfasi ta' din il-Qorti.

qed jinghad lilu. Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti issib illi ma tistax taqleb id-decizjoni liberatorja moghtija mill-Ewwel Qorti.

79. L-istess intqal fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Claude Formosa**, deċiż fit-23 ta' Lulju 2019 din il-Qorti diversament presjeduta, anke fuq l-iskorta tas-sentenza **Grech Marguerat**, aktar il-fuq imsemmija, kienet saħqet illi :

> Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata car u tond u jidher li f'dan il-kaz din il-materja ma hiex qed tigi kkontestata. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l-htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti ttwegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha. Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-appellant gie mehud l-ghassa sabeix jaghti dan il- kampjun tan-nifs bhal parti mill-investigazzjoni sabeix iwaslu ghal proceduri quddiem il-Qorti. Ghalhekk f'dak l-istadju l-appellant gja kien qed jigi kunsidrat bhala 'suspettat' u mhux semplici xhud.

80. Issa fuq domanda ta' din il-Qorti magħmula lix-xhud WPS 198 f'paġna 106 tax-xhieda tagħha, ma jirriżultax li l-appellant ingħata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat in linja mal-insenjament ġurisprudenzjali appena ċitat:

> Qorti: X'caution hi din?
> Xhud: Li dan għandu dritt, li ħa jsirlu l-breathalyser test, għandu dritt li jirrifjuta u r-rifjut tiegħu I mean ukoll huwa suġġett għal li jinħarġu l-akkużi.

81. Għalhekk din il-Qorti ma tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-reat ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u dan mhux daqstant għar-raġunijiet miġjuba mill-appellant permezz tar-rikors ta' appell tiegħu iżda in linja mal-insenjament ġurisprudenzjali appena ċċitat.

## Ikkunsidrat

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena

82. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan

tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

83. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li

qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

84. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis *anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.*

85. Mistqarra dawn il-prinċipji, din il-Qorti tistqarr li l-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet kemm tax-xorta li trid il-Liġi kif ukoll kienet tirrentra fil-parametri li tipprefiġġi l-Liġi għall-ksur tad-dispożizzjonijiet li ġie mixli bihom l-appellant. Lanqas ma kienet manifestament eċċessiva jew sproporzjonata fiċ-ċirkostanzi meta wieħed iqis li kaġun tas-sewqan erratiku tal-appellant, Maria Dolores Zammit ġarrbet ħsarat f'ġisimha ta' natura permanenti.

86. L-appellant jilmenta wkoll mis-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan. Din il-Qorti kellha diversi opportunitajiet sabiex tisħaq fuq il-fatt li fl-eventwalita' ta' sejbien ta' ħtija għar-reat ippotizzat fl-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sospensjoni tal-liċenzja hija tassattivament imposta mil-Liġi b'żieda ma' kull piena li tipprospetta l-Liġi għar-reat oriġinali. Hekk per eżempju ġie rrilevat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Mario Mifsud** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Ottubru 2014:

> Il-piena hija konsegwenza ghar-reat u l-istess l-iskwalifika tal-licenzja. Filwaqt illi l-piena hija fakultattiva ghall-Qorti u ghandha parametri fuqxiex tiddeciedi, l-iskwalifika m'ghandhiex peress illi dina hija tassattiva li ma thalli l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Qorti. L-unici parametri huma dawk dwar jekk il-kundanna kinitx l-ewwel darba jew ghal aktar minn darba, f'liema kaz l-iskwalifika tigi estiza skont il-kaz. F'dan il-kaz il-Qorti iddecidiet illi tmur ghal minimu u imponiet terminu ta' skwalifika ghal tlett (3) xhur.

87. U xejn ma jibdel il-fatt li l-appellant jeħtieġ din il-liċenzja tas-sewqan sabiex huwa jaħdem. Din il-pożizzjoni hija bbażata fuq ir-raġunament li persuna li tkun teħtieġ liċenza tas-sewqan għandha tkun iktar responsabbli f'dak li tagħmel fit-triq u bil-vettura tagħha. F'dan is-sens, din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża **Il-Pulizija vs. Ahmad Abu Hassan** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Mejju 2019:

> F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet: 'Il-Pulizija Vs Matthew Balzan' fejn gie kkunsidrat li:
> 'L-appellant argumenta ukoll illi llum jahdem ta' mekkanik ghal rasu u jekk tittiehed il-licenzja se taffetwa hazin ix-xoghol tieghu. Din il-Qorti jidhrilha illi dan l-argument ma jistax jintuza f'dawn ic-cirkostanzi meta s-sospenzjoni tal-licenzja hija wahda tassattiva.
>
> Filfatt fil-kawza Il-Pulizija vs Paul Azzopardi deciza fl-4 ta' Awwissu, 2006 intqal " Il-fatt illi d-driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu .... ma jintitulax lil din il-Qorti illi tmur kontra l-Ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellha taghmel hekk, dan ikun ifisser li

min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi mmunita mill-kastig meta jinqabad isuq hazin."'

Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spt. S. Micallef) Vs Paul Azzopardi' gie kkunsidrat 'Illi skond l-artikolu 15H (1) (a) tal-Kap.65, min jinstab hati tar-reati li rrizultaw fil-konfront tal-appellant ikun soggett ghall-piena tal-multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltin (LM200) jew ghal prigunerija ghal mhux izjed minn tlitt xhur jew ghall-dik il-multa w prigunerija flimkien. Umbaghad is-subartikoilu (2) jiddisponi li b' zieda mall-piena il-Qorti ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni licenzja tas- sewqan, fil-kaz tal-ewwel kundanna, ghal zmien ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur. Ghalhekk f' dan il-kaz giet applikata l-inqas multa possibbli skond il-ligi u l-Ewwel Qorti addirittura applikat period ta' sospensjoni inqas minn dak li kellha tapplika bil-ligi. Dwar dan ma sarx appell mill-Avukat Generali pero'. Ghalhekk il-piena zgur hija entro l-parametri legali f' dan l-kaz. Illi umbaghad ghall-precizjoni jigi rilevat li, kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors tal-appell, il- fedina penali tal-appellant mhux wahda netta, imma minnha jirrizulta li apparti li kien instab hati ta' korruzzjoni ta' tfajla minorenni, kien ukoll instab hati ta' ksur ta' l-ligijiet tat-traffiku darbtejn. Finalment il-fatt li l-appellant jahdem bhala driver tal- containers ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l- ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunita' mill-kastig meta jinqabad isuq hazin.'

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija Spettur Frans Micallef Spettur Spiridione Zammit Vs Mario Mifsud':

'Filwaqt illi l-piena hija fakultattiva ghall-Qorti u ghandha parametri fuqxiex tiddeciedi, l-iskwalifika m'ghandhiex peress illi dina hija tassattiva li ma thalli l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Qorti. L-unici parametri huma dawk dwar jekk il-kundanna kinitx l-ewwel darba jew ghal aktar minn darba, f'liema kaz l-iskwalifika tigi estiza skont il-kaz. F'dan il-kaz il-Qorti iddecidiet illi tmur ghal minimu u imponiet terminu ta' skwalifika ghal tlett (3) xhur.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell in parti billi:

i. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn din illiberat lill-appellant mill-ewwel u mill-ħames imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;
ii. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet ħtija fl-appellant għat-tieni, tielet, ir-raba' u s-sitt imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

Filwaqt li :

iii. Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellant ħati tas-seba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minflok tilliberah ukoll minn din l-imputazzjoni;
iv. Tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza konċernanti l-piena fejn erogat il-multa fl-ammont t'erbat elef euro (€4000) u **minflok timponi multa ta' elfejn u tminn mitt euro (€2800)**;

U Altrimenti, safejn mhux mibdul b'din is-sentenza, tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija tagħha.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**